**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 12 ta' Dicembru 2018**

**Talba Nru: 265/18 CZ**

**Bank of Valletta plc**

**vs.**

**Emanuel Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-bank attur imressqa fid-19 ta' Gunju 2018 fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tlett'elef, tliet mija u hamsa w disghin Euro (€3,395) bilanc ghad-debitu fil-'Credit Card Loan Account' tieghu mal-Bank of Valletta plc (Dok. A) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-4 ta' Gunju 2018, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 29 ta' Frar 2016 (Dok. C) u tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment.

Illi, interpellat sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi s-socjeta' attrici qed tipprezenta wkoll affidavit skond il-Ligi hawn anness u mmarkat Dok. D.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-bank attur fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-bank attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur is-somma ta' tlett'elef, tliet mija u hamsa w disghin Euro (€3,395) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur